II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 796/2011

**tat-8 ta' Awwissu 2011**

**li jemenda għall-155 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati man-network ta' Al-Qaida**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 tas-27 ta' Mejju 2002 li jimponi ċerti miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati man-network ta' Al-Qaida [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 7(1)(a), 7a(1) u 7a(5) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I ta' mar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jelenka l-persuni, il-gruppi u l-entitajiet koperti mill-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi skont dak ir-Regolament.

(2) Fid-29 ta' Lulju 2011, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ddeċieda li jżid żewġ persuni ġuridiċi, gruppi jew entitajiet mal-lista tiegħu ta' persuni, gruppi u entitajiet li għalihom għandu japplika l-iffriżar tal-assi u tar-riżorsi ekonomiċi. Il-Kumitat iddeċieda wkoll li jemenda żewġ entrati fil-lista.

(3) Għaldaqstant, jeħtieġ li l-Anness I ta' mar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jiġi aġġornat biex jirrifletti dan.

(4) Sabiex jiġi żgurat li l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament ikunu effettivi, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ minnufih,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I ta' mar-Regolament (KE) Nru 881/2002 huwa emendat skont l-Anness ta' ma' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Awwissu 2011.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
*Kap tas-Servizz tal-Politika Estera Strumenti*

---

[1] ĠU L 139, 29.5.2002, p. 9.

*ANNESS*

L-Anness I ta' mar-Regolament (KE) Nru 881/2002 huwa emendat kif ġej:

1. L-entrati li ġejjin għandhom jiżdiedu taħt l-intestatura "Persuni ġuridiċi, gruppi u entitajiet":

   (a) "Emarat **Kavkaz**. Tagħrif ieħor: (a) Attiv l-aktar fil-Federazzjoni Russa, fl-Afganistan u fil-Pakistan. (b) Immexxi minn Doku Khamatovich Umarov. Data tal-klassifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 29.7.2011."

   (b) "**Tehrik-e Taliban Pakistan (TTP)** (*magħruf ukoll bħala* (a) Tehrik-I-Taliban Pakistan, (b) Tehrik-e-Taliban, (c) Pakistani Taliban, (d) Tehreek-e-Taliban). Tagħrif ieħor: (a) Tehrik-e Taliban huwa bbażat fl-inħawi tribali tul il-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan; (b) Ġie ffurmat fl-2007 u l-mexxej tiegħu huwa Hakimullah Mehsud; (c) Wali Ur Rehman huwa l-Emir tat-TTP għall-Ważiristan t'Isfel. Data tal-klassifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 29.7.2011."

2. L-entrata "Hakimullah **Mehsud** (*magħruf ukoll bħala* (a) Hakeemullah Mehsud, (b) Zulfiqar). Data tat-twelid: Bejn wieħed u ieħor l-1979. Post tat-twelid: Il-Pakistan. Nazzjonalità: Pakistana. Tagħrif ieħor: (a) Jingħad li twieled fil-Ważiristan t'Isfel, il-Pakistan; (b) Huwa maħsub li joqgħod il-Pakistan; (c) Il-mexxej tat-Tehrik-i-Taliban tal-Pakistan, organizzazzjoni bbażata fl-inħawi tribali tul il-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan. Data tal-klassifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 21.10.2010." taħt l-intestatura "Persuni naturali" għandha tiġi ssostitwita b'dan li ġej:

   "Hakimullah **Mehsud** (*magħruf ukoll bħala* (a) Hakeemullah Mehsud, (b) Zulfiqar). Data tat-twelid: Bejn wieħed u ieħor l-1979. Post tat-twelid: Il-Pakistan. Nazzjonalità: Pakistana. Tagħrif ieħor: (a) Jingħad li twieled fil-Ważiristan t'Isfel, il-Pakistan; (b) Huwa maħsub li joqgħod il-Pakistan; (c) Il-mexxej tat-Tehrik-i-Taliban tal-Pakistan (TTP), organizzazzjoni bbażata fl-inħawi tribali tul il-fruntiera bejn l-Afhanistan u l-Pakistan. Data tal-klassifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 21.10.2010."

3. L-entrata "Wali **Ur Rehman**. Data tat-twelid: Bejn wieħed u ieħor l-1970. Post tat-twelid: Il-Pakistan. Nazzjonalità: Pakistana. Tagħrif ieħor: (a) Jingħad li twieled fil-Ważiristan t'Isfel, il-Pakistan; (b) Huwa maħsub li joqgħod il-Pakistan; (c) L-Emir tat-Tehrik-i-Taliban għall-Aġenzija tal-Ważiristan t'Isfel, fl-Inħawi Tribali taħt Amministrazzjoni Federali tal-Pakistan. Data tal-klassifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 21.10.2010." taħt l-intestatura "Persuni naturali" għandha tiġi ssostitwita b'dan li ġej:

   "Wali **Ur Rehman**. Data tat-twelid: Bejn wieħed u ieħor l-1970. Post tat-twelid: Il-Pakistan. Nazzjonalità: Pakistana. Tagħrif ieħor: (a) Jingħad li twieled fil-Ważiristan t'Isfel, il-Pakistan; (b) Huwa maħsub li joqgħod il-Pakistan; (c) L-Emir tat-Tehrik-e Taliban tal-Pakistan (TTP) għall-Aġenzija tal-Ważiristan t'Isfel, fl-Inħawi Tribali taħt Amministrazzjoni Federali tal-Pakistan. Data tal-klassifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 21.10.2010."